MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 319/2005

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**Vs**

**F & C Grech Excavation Limited – C17885**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz fejn is-socjeta’ attrici talbet l-ammont ta’ mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm168.50c) rapprezentanti danni fuq infrastruttura ta’ l-istess socjeta’.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn tghid illi mhix responsabbli u ma kienx hemm negligenza min-naha taghha ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici u li d-danni reklamati mis-socjeta’ attrici huma eccessivi.
Ra x-xhieda ta’ Victor Busuttil fejn jghid illi l-konvenut talbu jibghatlu lil xi hadd biex jimmarkalu l-kejbils tal-

Maltacom. Illi s-Sur Grech laqat kejbil b'accident u l-kejbil kien inkixef bil-*high mack* u billi l-kejbil kien diga' espost il-konvenut beda juza l-fies. Jghid illi huwa ma rax marki ghaliex il-post kien diga' skavat. Jghid ukoll illi ma kellux *slabs*.

Ra x-xhieda ta' Dr Ingrid Zammit Young fejn tikkonferma l-ammont dovut kif jidher fid-dokument.

Ra x-xhieda ta' Frans Grech, Direttur tas-socjeta' konvenuta fejn jghid illi laqtu l-kejbil bil-fies imbaghad komplew ihaffru b'*mini excavator*. Illi l-marki kienu fuq metru 'l boghod minfejn sabu l-kejbil u li ma kienx hemm *slabs* fuq il-kejbil kif suppost. Illi kien kejbil militari antik. Grech jinsisti li suppost kellhom isibu l-*warning slabs* waqt li kienu qed ihaffru izda ma sabu xejn. Jichad illi laqtu l-imsemmi kejbil bil-JCB. Mistoqsi mill-pulizija biex haffru, Grech irrisponda bil-JCB izda jghid illi l-kejbil intlaqat bil-fies.

**Ikkunsidra**

Illi skond ir-Rapport tal-pulizija meta Frans Grech tkellem mal-pulizija ezatt wara l-incident hu qal li:

“While he was using the JCB he found a telephone cable which was about 6 inches to 1 foot under street level. Grech stated that no slabs or markers were placed on the mentioned cable.”

Joseph Cilia, Principal Technical Officer mal-Maltacom, informa lill-pulizija li:

“The cable was marked and the contractor knew about the cable.”

Jirrizulta li kien hemm kejbil immarkat. Frans Grech qal li l-marki kienu xi metru 'l boghod. Illi meta tkellem mal-pulizija wara l-incident Frans Grech qal li uza JCB. Illi Grech kien jaf li fejn ikun hemm kejbil suppost ma jahdimx bil-JCB.

Illi s-socjeta’ konvenuta kellha tassigura li ma tahdimx bil-JCB vicin il-marki tal-kejbils u l-fatt li ma kienx hemm *slabs* ma jfissirx li kellha d-dritt tahdem bil-JCB. Ghaldaqstant jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Illi dwar id-danni ma giex spjegat ghaliex id-danni huma eccessivi. Ghaldaqstant jichad it-tieni eccezzjoni wkoll.

It-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm168.50c). Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz (8 ta’ Frar, 2005).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------